ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 47 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 10 ta' April 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Marzu 2012;

   b) Skeda ta' Ħlas Marzu 2012;

   c) *Business Plan 2012-2014 & Budget 2012*;
5. *Traffic Management*-Triq Dun Marcell Mallia;
6. Toroq;
7. *ATM Machine*;
8. Trasport Pubbliku;
9. Jum Ħal Għaxaq;
10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **<u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 46 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **<u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju qalet li tagħrif mill-Minuti ser jingħata fl-*items* li jmiss.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Memo 90/2011 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2012, fejn ġie mgħarraf li l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' € 3,665.75 ( anness il-ftehim).

Bagħatu stedina ghall-seminar dwar il-'*Green Public Procurement*', dan sar fit-30 ta' Marzu, 2012 u ghalih attendiet is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju qalet li waqt dan is-seminar ġew infurmati li qabel ma' joħorġu t-*tenders* dawn għandhom jintbagħatu lid-Dipartiment tal-GPP sabiex jiġu approvati.

Infurmaw ukoll li mill-allokazzjoni ser jitnaqqas l-ammont ta' € 120 in konnessjoni mas-servizz ta' Wifi fl-uffiċċini tal-Kunsill Lokali li jkopri l-perjodu minn 1 ta' Ġunju, 2011 sal-31 ta' Mejju, 2012.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw li ser issir Konferenza Internazzjonali – WIN – fil-11 u t-12 ta' April, 2012, ser tattendi s-Segretarju Eżekuttiv.

Infurmaw ukoll sabiex nagħżlu s-sistema ta' kif irridu li jitħallsu l-WSC meta jsir l-asfaltar tal-kanali.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill kienet li x-xogħol tal-asfltar tal-kanali jsir mill-WSC mingħajr mal-Kunsill Lokali jħallas xi spejjeż involuti.

3. Mill-MEPA nfurmaw li l-bilanċ disponibbli għal fondi tal-UIF huwa ta' € 23,584.92.

4. Irċevejna żewġ kwotazzjonijiet għal issupplixxar ta' boroż tal-cold tarmak mingħand il-Bitmac ( Works) Ltd. għal prezz ta' € 4.25 kull borża VAT inkluża u mingħand Asflatar Construction Ltd. għal prezz ta' € 7.00 kull borża VAT eskluża. Il-Kunsill għażel l-Offerta tal-Bitmac.

5. Irċevejna żewġ kwotazzjonijiet oħra għal xiri ta' *laptop* mingħand Merlin Computers għal ammont ta' € 706.82 VAT inkluża u wkoll mingħand Compunet ta' € 775 VAT inkluża wkoll ( fiż-żewġ kwotazzjonijiet hemm l-*specifications* imniżżla tal-*laptop* rikjest). Il-Kunsill qabel li jilqa' l-offerta tal-*Merlin Computers* dik ta' € 706.82 VAT inkluża.

6. Qed terġa' titressaq il-kwotazzjoni tal-Alberta għal *CCTV camera,* peress li l-ammont jaqbeż dak speċifikat trid tinħareġ kwotazzjoni oħra.għaliha.
   Il-Kunsill qabel li tinħareġ kwotazzjoni.

7. Mingħand is-Sur Buttiġieġ mill-MCAST, fejn informa li min huwa interessat sabiex ikunu jistgħu jsiru xi *work placements* fuq xogħol klerikali għas-Sajf 2012 jista' jimla' l-*expression of interest* u għal dan il-għan ser isir laqgħa fit-30 ta' Mejju, 2012 u ser tattendi s-Segretarju.

8. Mill-MEUSAC, bagħatu dwar laqgħa konsultazzjoni dwar il-Prevenzjoni, Tnaqqis u Kontroll tal-Ħsejjes għal din il-laqgħa attenda s-Sindku.

   Is-Sindku qal li waqt din il-laqgha ġie diskuss l-istorbju, sabiex proġetti li ser isiru fil-futur isir *impact accessment* dwar l-istorbju qabel ma' dawn il-proġetti jsiru.

9. Mingħand Robert Naudi tal-MRRA dwar M 313 fejn infurmaw li nistgħu nibdew bil-proġett tal-*Playground*.

10. Mingħand *Liquid Studios*, fejn għarrfu li jrid isir ħlas ta' € 208.86 dan ikopri l-użu ta' domain dwar il-*website* tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li minħabba li issa hemm il-*website* tal-Gvern din se tieqaf minn naħa tal-Kunsill.

11. Mingħand Rose Pace tal-Għaqda Filantropika, fejn infurmat li rriżenjat mill-karigi li kellha fl-għaqda.

12. Mingħand Ruth Farrugia tal-*MFA Toronto* dwar programm televiżiv Leħen Malti. Is-Sindku qal li lil Ms Farrugia nistgħu nibgħatulha xi ritratti. Il-Kunsill qabel.

13. Mingħand TCTC dwar il-*launch* u l-preżentazzjoni uffiċċjali dwar il-kors *ikids*.

14. Mingħand is-Sur Silvio Schembri tal-GAL, fejn informa li dwar Miżura 313 il-ħlasijiet jiġu rifonduti wara li jsiru l-pagamenti u jiġu preżentati l-fatturi flimkien mal-irċevuti fiskali u l-VAT li tkun tħallaset tiġi rifonduta wkoll.

    Informa wkoll li ser issir kompetizzjoni '*Rural Photo Competition*'u tagħlaq fil-11 ta' Mejju, 2012.

15. Mit-*Transport Malta* fejn infurmaw li ser isir seminar fit-13 ta' April, 2012, ġewwa l-*Corinthia Palace Hotel*, Attard, dwar *National Speed Policy Conference* għal din l-konferenza ser jattendu s-Sindku flimkien mas-Segretarju.

16. Irċevejna offerta mingħand il-*Wise Owl Publications* fejn dawn qed joffru *voucher* ta' €100 f'kotba jekk il-Kunsill jixtri €200 kotba. Din l-Offerta tagħlaq f'Mejju 2012 u għaldaqstant il-Kunsill qabel li jinxtraw b'€200 kotba.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail lis-Sur Simon Grima ta' TM dwar Triq San Gorg sabiex tkun tista' ssir il-parti li qatt ma' saret minn naħa ta' TM, fejn infurmana li biex din issir trid isir mill-Kunsill u niġu rifonduti mit-TM skond ir-rati indikati. Is-Sindku qal li r-rati li jitħallas il-Kunsill ikunu skont ir-rati ta' *Transport Malta*. Il-Kunsill qabel.

b) Intbagħatet ittra lic-Chairman tal-KMS fejn infurmajnih li l-ispiża sabiex isir it-tarmak ta' ħdejn id-*dressing rooms* tal-*ground* tal-*football* nofsha ser tiġi koperta mill-Kunsill li tammonta għal € 6,554.

c) Intbagħatet e-mail lis-Sur Joe Dimech tal-GO fejn infurmajnieh bl-ismijiet tat-toroq ta' Phase 2, fejn esiġejna li jekk għandu jsir xi xogħol minn naħa tagħhom dan għandu jsir qabel ma' dawn jinksew bit-tarmak għax wara ma jingħatawx permess għal xogħlijiet.

d) Intbagħatet e-mail lil Ms Yana Micallef Stafrace sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq M. Dimech, fejn infurmajniha li l-ewwel trid isir it-talba lill-ADT u jekk jiġu approvati dawn jsiru.
Is-Sindku qal li resident fi Triq Manwel Dimech irid li jsiru *double yellow lines* faċċata tal-garaxxijiet li hemm f'dik it-triq. Jekk dawn jiġu approvati mill-ADT dawn isiru.

e) Intbagħatet ittra f'kull dar ta' Ħal Għaxaq dwar it-trasport pubbliku fejn għarrafnihom li f'Mejju li ġej ser tigi ntroddotta rotta oħra għal Raħal Ġdid.
Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju kellu laqgħa mas-Sur Ivan Pierre Vella ta' *Transport Malta* fejn ġiet diskussa ir-rotta l-ġdida X7 li mill-ajruport tmur il-Gudja, tgħaddi Ħal Għaxaq tibqa' sejra Raħal Ġdid u terġa' lura l-ajruport.

f) Intbagħatu diversi e-mails fosthom lid-Direttur tad-Dipartiment, lis-Sur Pio Farrugia u lis-Sur Tabone, fejn qed jintalbu spjegazzjoni aktar ċara minn dik li diġa' ingħatajna ta' kif ser ikunu mqassma l-pagamenti tal-Iskema tal-PPP, peress li ġejna mitlubin mill-awditur sabiex ikun jista' jagħlaq il-proċess tal-awditjar. Din l-ispjegazzjoni għad ma ġietx mgħotija.

g) Intbagħatet e-mail lil- Onor. Jason Azzopardi, fejn tlabnih il-permess sabiex biċċa art li hemm fi Triq l-Iklin u Dawret Ħal Għaxaq tintuża sabiex tiġi nstallata ATM tal-BOV. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mad-Direttur tal-BOV sabiex tiġi nstallata *ATM machine* fis-*Central Strip* ħdejn in-niċċa tal-Madonna kif tidħol Ħal Għaxaq. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ikun obbligat iħallas il-permess tal-MEPA iżda d-dawl u ħlasijiet oħra isiru mill-BOV. Il-Kunsill qabel.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Marzu 2012, li kienu jammontaw għal €39.47. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€39.47 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas – Marzu 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2012 u li jammontaw għal €23,310.27. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Business Plan 2011-2014 & Budget:* Is-Segretarju ċċirkolat kopji tal-Business *Plan* (Pjan ta' Ħidma) (App. 1) u tal-*Budget* (App. 2) għas-snin 2011, 2012, 2013 fissret l-għan tal-Pjan u tal-*Budget* bħala wieħed li jaħseb biex jintegra dak allokat u mfassal din is-sena ma' snin oħra sussegwenti.

Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva l-*Business Plan* u l-*Budget* kif preżentati.

## 5. ***Traffic Management*-Triq Dun Marcell Mallia**

Il-Viċi Sindku qal li minħabba li hawn ħafna nisa residenti jaħdmu dawn imorru jwasslu t-tfal l-iskola u jibqgħu sejrin għax-xogħol. Minħabba hekk dawn in-nisa jipparkjaw għal ftit minuti quddiem il-garaxxaijiet sakemm iniżżlu t-tfal, u propju dak il-ħin il-pulizija qed itihom ċitazzjoni minħabba li jipparkjaw fuq id-*Double Yellow Line*. Is-Sur Abdilla kompla jgħid li hemm bżonn issir xi ħaġa biex dawn iċ-ċitazzjonijiet ma jibqgħux jingħataw.

Wara diskussjoni qasira s-Sindku qal li l-aħjar isiru tabelli biex fil-ħinijiet tal-iskola jkun permess isir parkjar f'din iż-żona. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Abdilla semma' wkoll it-trasport tat-tfal tal-iskola u qal li dan it-trasport mhux qed jigi provdut minn fejn Bir id-Deheb kif kien isir qabel. Is-Sindku qal li navviċinaw lis-Surmast dwar dan. Il-Kunsill qabel.

## 6. **Toroq**

Is-Sindku qal li Triq San Gorg ser issir bit-tarmak qal ukoll li hemm bankina fi Triq Telleritu li trid issir meta Triq Telleritu tingħata t-tarmak.

Dwar id-drenaġġ is-Sindku qal li ħdejn *Brownrigg* hemm biċċa nieqsa mid-drenaġġ u issa għanda ssir.

Waqt id-diskussjoni l-Kunsilliera Agius staqsiet dwar Triq Giov. Scicluna biex tkun taf meta din ser issir. Is-Sindku qal li s-Sur Stanley Portelli tal-ADT kien qal li se toħroġ *tender* biex din issir sal-aħħar ta' din is-sena.

7. ***ATM Machine***

Dwar l-*ATM Machine* is-Sindku qal li se jiġi avviċinat il-Perit tal-Kunsill is-Sur Marvin Ellul biex kif il-Kunsill jirċievi mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-biċċa art fejn ser issir l-ATM, is-Sur Ellul ikun jista' japplika –MEPA għal permessi meħtieġa. Il-Kunsill qabel.

8. **Trasport Pubbliku**

Dwar it-Trasport Pubbliku kif intqal aktar qabel fil-laqgħa(3.e)saret laqgħa mas-Sur Ivan Pierre Vella dwar il-karozza tal-linja X7.

9. **Jum Ħal Għaxaq**

Wara diskussjoni ġie deċiż li Jum Ħal Għaxaq isir nhar il-Ħadd, 29 ta' April 2012. Il-programm jibda b'quddiesa fid-9.00am. Ġie deċiż li għal quddiesa jiġu mistiedna dawk il-koppji kollha li huma minn Ħal Għaxaq u li se jagħlqu 25 sena miżżewġin din is-sena.

Dawn il-koppji jiġu mistiedna ukoll għar-riċeviment dak in-nhar stess li l-Kunsill iddeċieda li jsir fis-7.30pm fis-Sala tal-Kappillan, filwaqt li f'dan ir-riċeviment dawn il-koppji jingħataw tifkira żgħira. Flimkien ma' dawn il-koppji jiġu mistiedna wkoll l-istess mistednin li ġew mistiedna għar-riċeviment tal-Milied.

Għal dan il-għan ġie deċiż li jintbagħatu ittri lil dawn il-koppji biex jiġu nfurmati x'ser isir u jiġu mitluba jirrispondu jekk jaċċettawx l-istedina jew le.

Sar qbil ukoll li ssir wirja tal-karozzi *Ford* organizzata mill-Kunsillier Attard..

Sar qbil li jsir *tournament* tal-futbol organizzat mill-Kunsillier Picco, nhar is-Sibt, it-28 ta' April, 2012, bejn 12.00pm u 13.00pm. Dan it-*tournament* ser isir bejn *teams* minn Ħal Għaxaq, Ħal Tarxien, is-Siggiewi u z-Zejtun. Ġie deċiż ukoll li l-parteċipanti jingħataw medalja bħala tifkira tal-okkażjoni.

Sar qbil kif kien intqal ukoll is-sena l-oħra li 'Ġieħ Ħal Għaxaq' jingħata lil Ms Maria Schembri li għamlet proġett tal-Unjoni Ewropea intenzjonat li jitgħallmu minnhu t-tfal.

Il-Kunsilliera Agius qalet li hi tixtieq torganizza ġurnata għal Għawdex bħala attivita' għal Jum Ħal Għaxaq. Hemmhekk isiru żjarat f'diversi postijiet.

Din il-ħarġa ser issir nhar l-Erbgħa, 5 ta' April, 2012. Il-Kunsill qabel li jsiru *posters* u jiġi avżat il-kappillan dwar din l-attivita' biex javża fil-knisja.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sur Abdilla saħaq dwar il-ħrug tal-fuljett tal-Kunsill li għandu jkopri fih ukoll ritratti tal-proġetti li saru jew ser isiru mill-Kunsill. Il-Kunsillier Picco qal li se jieħu ħsieb dan. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sinjura Agius qalet li fis-*Service Road* tal-*Bypass* hemm il-ħtieġa li *parking base* minn dawk li hemm jitnaqqas biex karozzi jkunu jistgħu joħorġu. Is-Sindku qal li se jiċċekkja dwar dan u jara x'jeħtieġ li jsir. Il-Kunsill qabel.

c. Is-Sinjura Agius staqsiet ukoll dwar Triq San Gorg jekk hux ser issir kollha. Is-Sindku wieġeb li din ser issir kollha.

d. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak biex jiġu rrangati Sqaq tal-Ġebel, Trejqet Kalamija u Triq San Gorg.

e. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk il-Kunsill jistgħax japplika mal-GAL biex il-ġnien ta' fejn hemm iż-żebbuġ isir *picnic area*.

f. Is-Sindku qal li jeħtieġ nagħmlu tabelli biex in-nies li qegħdin imorru jagħmlu użu mil-Wied ta' Ħas Saptan bħala *picnic area* jieħdu l-iskart magħhom u mhux iħalluh hemm għax tal-*iscammel* ma jmurx jiġbor minn hemm. Il-Kunsill qabel.

**11. Aġġornament**

Is-Sindku fil- 4.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Ġimgħa, 26 ta' April , fis-1:00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- Il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2012**


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt